VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19, 110, 16 ta' Lulju, 2013
Taqsima B

A.L. 187 tal-2013

ATT DWAR POTERI LI JSIRU REGOLAMENTI FL-INTERESS NAZZJONALI (KAP. 365)

Regolamenti tal-2013 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sigurtà Nukleari u l-Protezzjoni mir-Radjazzoni

BIS-SAĦĦA tas-satgħat mogħtija bl-artikolu 3 tal-Att dwar Poteri li jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali, il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2013 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sigurtà Nukleari u l-Protezzjoni mir-Radjazzjoni, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar is-Sigurtà Nukleari u l-Protezzjoni mir-Radjazzjoni, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 365.15

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-Affarijiet Barranin jista' jistabbilixxi wara r-ratifika tal-emenda għall-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni Fiżika ta' Materjal Nukleari minn Malta.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Is-subregolament (1) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "espożizzjoni" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "faċilità nukleari" tfisser faċilità (inkluż bini u tagħmir anċillari) fejn jiġi prodott, proċessat, użat, maniġġat, maħżun, jew mormi materjal nukleari, jekk issir ħsara lil jew ikun hemm xi interferenza ma' dik il- faċilita tali li tista' twassal għal ħruġ ta' ammonti sinifikanti ta' radjazzjoni jew ta' materjal radjuattiv;"; u

(b) minnufih wara t-tifsira "rimi" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

"sabutaġġ" tfisser kull att li jsir kontra faċilità nukleari jew materjal nukleari li jkun qed jintuża, ikun maħżun jew li jkun qed jiġi trasportat u li jista' jkun ta' periklu dirett jew indirett għas-saħħa u s-sigurtà tal-persunal, tal-pubbliku jew tal-ambjent, billi jkun hemm

espożizzjoni għar-radjazzjoni, jew ħruġ ta sustanzi radjuattivi;".

Jissostitwixxi r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"(8) Eebda persuna ma tista' bil-ħsieb:

(a) tagħmel xi att mingħajr awtorità leġittima fejn persuna tirċievi, ikollha pussess, tagħmel użu, tittrasferixxi, tibdel, tarmi jew ixxerred materjal nukleari li jkun jkkaġuna jew ikun li jista' jkkaġuna mewt jew feriment gravi, ħsara sostanzjali fil-proprjetà jew fl-ambjent;

(b) tisraq xi materjal nukleari;

(ċ) takkwista materjal nukleari bi frodi;

(d) tagħmel att li jkun jikkonsistsi f'ġarr, jew li persuna tibgħat jew tmexxi materjal nukleari għal ġo xi Stat jew minnu, mingħajr ebda awtorità leġittima;

(e) tagħmel xi att kontra faċilità nukleari, jew att li jinterferixxi mal-operat ta' faċilità nukleari, fejn min iwettaq ir-reat bil-ħsieb jikkaġuna, jew meta jkun jaf li l-att x'aktarx li jista jikkaġuna l-mewt jew il-feriment gravi jew danni lill-proprjetà jew lill-ambjent permezz tal-espożizzjoni għar-radjazzjoni jew it-tfigħ ta' sustanzi radjuattivi; kemm-il darba l-att ma jkunx sar f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istat Kontraenti fit-territorju fejn tkun tinstab il-faċilità nukleari;

(f) tagħmel xi att li jikkostitwixxi talba għal materjal nukleari b'theddid jew bl-użu tal-forza jew b'kull għamla oħra ta' intimidazzjoni;

(g) thedded:

(i) li tuża materjal nukleari sabiex jikkaġuna l-mewt jew feriment gravi jew danni sostanzjali lill-proprjetà jew lill-ambjent jew li tikkommetti r-reat previst fil-paragrafu (e), jew

(ii) li tikkommetti reat previst fil-paragrafi (b) u (e) sabiex iġġiegħel lill xi persuna fiżika jew legali, xi organizzazzjoni internazzjonali jew Stat li jagħmlu jew jonqsu milli jagħmlu att;

(h) li tipprova tikkommetti xi reat previst fil-paragrafi (a) sa (e);

(i) li tagħmel xi att li jikkostitwixxi parteċipazzjoni f'xi reat previst fil-paragrafi (a) sa (h);

(j) tagħmel xi att jekk dik il-persuna torganizza jew tmexxi oħrajn biex jikkommettu reat previst fil-paragrafi (a) sa (h);

(k) tagħmel xi att li jikkontribwixxi għall-għemil ta' xi reat previst fil-paragrafi (a) sa (h) minn grupp ta' persuni li jkunu qegħdin jaġixxu b'għan komuni, dak l-att ikun wieħed li jsir bil-ħsieb u jew:

(i) isir bil-għan li jmexxi 'l quddiem l-attività kriminali jew l-għan kriminali tal-grupp, meta dik l-attività jew dak il-għan ikun jinvolvi għemil ta' reat previst fil-paragrafi (a) sa (g), jew

(ii) isir bl-għarfien ta' intenzjoni tal-grupp li jagħmel reat kif imsemmi fil-paragrafi (a) sa (g).".

Jemenda s-Sitt Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

4. Fis-Sitt Skeda tar-regolamenti prinċipali, minnufih qabel il-kliem "KONVENZJONI DWAR IL-PROTEZZJONI FIŻIKA TA' MATERJAL NUKLEARI" għandhom jiżdiedu l-kliem "TAQSIMA A", u minnufih fi tmiem dik it-taqsima, kif enumerata mill-ġdid, għandha tiżdied it-taqsima ġdida li ġejja:

"TAQSIMA B

Emenda tal-KONVENZJONI DWAR IL-PROTEZZJONI FIŻIKA TA' MATERJAL NUKLEARI

1. It-titolu tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni Fiżika ta' Materjal Nukleari adottata fis-26 ta' Ottubru 1979 (hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni") huwa sostitwit bit-titolu li ġej:

"KONVENZJONI DWAR IL-PROTEZZJONI FIŻIKA TA' MATERJAL NUKLEARI U TA' FAĊILITAJIET NUKLEARI".

2. Il-Preambolu tal-Konvenzjoni jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"L-ISTATI KONTRAENTI F'DIN IL-KONVENZJONI, filwaqt li

JIRRIKONOXXU d-dritt tal-Istati kollha li jiżviluppaw u

japplikaw enerġija nukleari għal finijiet paċifiċi u għall-interessi leġittimi tagħhom fil-benefiċċji potenzjali li jistgħu jieħdu mill-applikazzjoni paċifika tal-enerġija nukleari,

KONVINTI mill-bżonn li tiġi faċilitata l-koperazzjoni internazzjonali u t-trasferiment ta' teknoloġija nukleari għall-applikazzjoni paċifika tal-enerġija nukleari,

JIFTAKRU li l-protezzjoni fiżika hija ta' importanza vitali għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika, sigurtà, l-ambjent u s-sigurtà nazzjonali u internazzjonali,

JIFTAKRU li l-għanijiet u l-prinċipji taċ-*Charter* tan-Nazzjonijiet Uniti li għandhom x'jaqsmu maż-żamma internazzjonali tal-paċi u tas-sigurtà u l-promozzjoni bejn l-Istati ta' relazzjonijiet tajba, amikevoli u kooperattivi,

JIKKUNSIDRAW li taħt il-pattijiet tal-paragrafu 4 tal-Artikolu 2 taċ-*Charter* tan-Nazzjonijiet Uniti, "Kull membru, fir-relazzjonijiet internazzjonali tiegħu, għandu jieqaf mit-theddid jew milli juża l-forza kontra l-integrità territorjali jew kontra l-indipendenza politika ta' xi stat, jew li b'kull mod ieħor tkun inkonsistenti mal-iskop tan-Nazzjonijiet Uniti",

IFAKKRU d-Dikjarazzjoni dwar Miżuri sabiex ikun Eliminat it-Terroriżmu Internazzjonali, annessa mar-Riżoluzzjoni 49/60 tal-Assemblea Ġenerali tad-9 ta' Diċembru 1994,

XEWQANA li jwarrbu l-perikli potenzjali minħabba fit-traffikar illeċitu, t-teħid u l-użu illegali ta' materjal nukleari u mis-sabutaġġ ta' materjal nukleari u ta' faċilitajiet nukleari, u jinnotaw li l-protezzjoni fiżika kontra atti bħal dawn tkun saret materja ta' interess kemm nazzjonali kemm internazzjonali,

INKWETATI SEW dwar iż-żjieda madwar id-dinja ta' atti ta' terroriżmu f'kull forma u manifestazzjoni, u bit-theddid impost mit-terroriżmu internazzjonali u minn kriminalità organizzata,

JEMMNU li l-protezzjoni fiżika hija parti importanti fl-għajnuna biex jintlaħqu għanijiet kontra l-proliferazzjoni u kontra t-terroriżmu,

JIXTIEQU li b'din il-Konvenzjoni, jikkontribwixxu fit-tisħiħ globali tal-protezzjoni fiżika ta' materjal nukleari u ta' faċilitajiet nukleari użati għal skopijiet paċifiċi, li jipprevjenu u

jikkumbattu kontra reati relatati ma' dan it-tip ta' suġġett u faċilitajiet madwar id-dinja, kif ukoll li jiffaċilitaw il-koperazzjoni bejn l-Istati Kontraenti għal dawn l-għanijiet,

KONVINTI li reati relatati ma' materjal nukleari u faċilitajiet nukleari huma soġġett ta' interess gravi u li jkun hemm bżonn urgenti li jiġu adattati miżuri xierqa u effettivi, jew li jsaħħu miżuri eżistenti, sabiex jiżguraw il-prevenzjoni, il-kxif u l-ikkastigar ta' dawn ir-reati,

JIXTIEQU li tissaħħaħ aktar il-koperazzjoni internazzjonali li titwaqqaf, skont il-liġi nazzjonali ta' kull Stat Kontraenti u skont din il-Konvenzjoni, miżuri effettivi għall-protezzjoni fiżika ta' materjal nukeari u ta' faċilitajiet nukleari,

KONVINTI li din il-Konvenzjoni għandha tikkomplimenta l-użu, il-ħażna u t-trasport mingħajr periklu ta' materjal nukleari u l-operat mingħajr periklu ta' faċilitajiet nukleari,

JIRRIKONOXXU li hemm rakkomandazzjonijiet internazzjonali dwar protezzjoni fiżika li jiġu riveduti minn żmien għal żmien u li jkunu jistgħu jipprovdu gwida fuq metodi kontemporanji ta' kif jintlaħqu livelli effettivi ta' protezzjoni fiżika,

JIRRIKONOXXU wkoll li l-protezzjoni fiżika effettiva ta' materjal nukleari u faċilitajiet nukleari użati għal skopijiet militari għandha tkun ir-resposabbilità ta' dak l-istat li jippossjedi materjal u faċilitajiet bħal dawk, u jifhmu li materjal u faċilitajiet bħal dawk għandhom u ser ikomplu jingħataw protezzjoni fiżika stretta,

QABLU dwar dan li ġej:".

3. Fl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni, wara l-paragrafu (ċ), għandhom jiżdiedu ż-żewġ paragrafi ġodda li ġejjin:

" (d) "faċilità nukleari" tfisser kull faċilità (inkluż bini u apparat anċillari) li materjal nukleari jiġi prodott fih, proċessat, użat, immaniġġat, maħżun, jew mormi, jekk issir ħsara lil jew ikun hemm indħil fil-faċilità tali li tista' twassal għal ħruġ ta' radjazzjoni jew materjal radjuattiv f'ammonti sinifikanti;

(e) "sabutaġġ" tfisser kull att deliberat kontra faċilità nukleari jew materjal nukleari li jkun qed jintuża, maħżun jew jiġi trasportat li jista' jkun ta' periklu dirett jew indirett, għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, tal-pubbliku jew tal-ambjent,

minħabba fl-espożizzjoni għar-radjazzjoni, jew ħruġ ta' sustanzi radjuattivi.".

4. Wara l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni, għandu jiżdied l-Artikolu 1A ġdid kif ġej:

"Artikolu 1A

L-iskopijiet ta' din il-Konvenzjoni huma li jintlaħqu u jinżammu protezzjoni fiżika effettiva dwar faċilitajiet nukleari użati għal skopijiet paċifiċi, li tipprevjeni u tikkumbatti reati relatati ma' materjal u faċilitajiet bħal dawn madwar id-dinja, kif ukoll sabiex tiffaċilita l-koperazzjoni bejn l-Istati Kontraenti għal dawn l-għanijiet.".

5. Artikolu 2 tal-Konvenzjoni għandu jiġi sostitwit kif ġej:

"1. Din il-Konvenzjoni għandha tkun tapplika għal materjal nukleari użat għal skopijiet paċifiċi fl-użu, ħażna u trasport u għal faċilitajiet nukleari użati għal skopijiet paċifiċi, iżda, madanakollu, l-artikoli 3 u 4 u l-paragrafu 4 tal-artikolu 5 ta' din il-Konvenzjoni japplikaw biss għal materjal nukleari bħal dan waqt li jkun trasportat internazzjonalment.

2. Ir-responsabbiltà biex tkun stabbilita, implimentata u miżmuma sistema ta' protezzjoni fiżika fi Stat Kontraenti għandha tkun kollha kemm hi ta' dak l-Istat.

3. Apparti mill-impenji meħuda mill-Istati Kontraenti taħt din il-Konvenzjoni, xejn minn din il-Konvenzjoni ma għandu jkun interpretat bħala li jaffettwa d-drittijiet sovrani ta' xi Stat.

4. (a) Xejn minn din il-Konvenzjoni ma jaffettwa drittijiet, obbligazzjonijiet u responsabbiltajiet oħra taħt il-liġi internazzjonali ta' Stati Kontraenti, b'mod partikolari l-iskop u l-prinċipji taċ-*Charter* tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-liġi internazzjonali umanitarja.

(b) L-attivitajiet tal-forzi armati waqt konflitt armat, skont kif dawk il-frażijiet jinftiehmu taħt il-liġi internazzjonali umanitarja, li huma mmexxija minn dik il-liġi, ma jaqgħux taħt din il-Konvenzjoni, u l-attivitajiet meħudha mill-forzi armati ta' xi Stat waqt li jkunu jeżerċitaw id-dmirijiet uffiċjali tagħhom, filwaqt li jkunu regolati b'regoli oħra tal-liġi internazzjonali, ma jkunux immexxija minn din il-Konvenzjoni.

(ċ) Ebda ħaġa f'din il-Konvenzjoni m'għandha

titqies bħala awtorizzazzjoni legali sabiex tintuża jew thedded li tintuża l-forza kontra materjal nukleari jew faċilitajiet nukleari użati għal skopijiet paċifiċi.

(d) Ebda ħaġa f'din il-Konvenzjoni m'għandha tħalli li jsiru jew tagħmel legali atti li jkunu b'mod ieħor illegali, lanqas m'għandha tipprekludi l-prosekuzzjoni taħt liġijiet oħrajn.

5. Din il-Konvenzjoni m'għandhiex tapplika għal materjal nukleari użat jew miżmum għal skopijiet militari jew għal faċilità nukleari li jkollha materjal bħal dak.".

6. Wara l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni, għandu jiżdied l-Artikolu 2A ġdid kif ġej:

"Artikolu 2A

1. Kull Stat Kontraenti għandu jistabbilixxi, jimplimenta u jżomm fis-seħħ sistema adatta ta' protezzjoni fiżika li għandha tkun tapplika għal materjal nukleari u faċilitajiet nukleari taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu, bil-għan li:

(a) jipproteġi kontra s-serq jew it-teġid illegali ta' materjal nukleari li jkun qieghed jiġi użat, maħżun u trasportat;

(b) jiżgura l-implimentazzjoni ta' miżuri li għandhom jittieħdu ta' malajr u komprensivi sabiex jinstab u, fejn xieraq, jiġi rkuprat materjal nukleari nieqes jew misruq, meta l-materjal ikun barra t-territorju tiegħu, dak l-Istat Kontraenti li għandu jattwa skont l- Artikolu 5;

(ċ) jipproteġi materjal u faċilitajiet nukleari kontra s-sabutaġġ; u

(d) jimmitiga jew inaqqas il-konsegwenzi radjoloġiċi mis-sabutaġġ.

2. Fl-implimentazzjoni tal-paragrafu 1, kull Stat Kontraenti għandu:

(a) jistabbilixxi u jżomm fis-seħħ qafas legali u regolatorju sabiex tiġi regolata l-protezzjoni fiżika;

(b) jistabbilixxi jew jindika awtorità kompetenti jew awtoritajiet responsabbli biex jimplimentaw is-sistema legali u regolatorja; u

(ċ) jieħu dawk il-miżuri meħtieġa għall-protezzjoni fiżika ta' materjal nukleari u faċilitajiet nukleari.

3. Fl-implimentazzjoni tal-obbligi taħt il-paragrafi 1 u 2, f'kull Stat Kontraenti, mingħajr preġudizzju għal xi disposizzjoni oħra ta' din il-Konvenzjoni, safejn dan ikun raġonevoli u prattiku, għandhom ikunu japplikaw il-Prinċipji Fundamentali tal-Protezzjoni Fiżika ta' Materjal Nukleari u tal-Faċilitajiet Nukleari li ġejjin.

PRINĊIPJU FUNDAMENTALI A: *Ir-Responsabbiltà ta' l-Istat*

Ir-responsabbiltà għat-twaqqif, implimentazzjoni u żamma ta' sistema ta' protezzjoni fiżika fi Stat hija kollha kemm hi ta' dak l-Istat.

PRINĊIPJU FUNDAMENTALI B: *Ir-Responsabbilità waqt it-Trasport Internazzjonali*

Ir-responsabbiltà ta' Stat biex jiżgura l-protezzjoni adegwata ta' materjal nukleari, tkun testendi għat-trasport internazzjonali ta' dan il-materjal, sakemm dik ir-responsabbiltà tiġi trasferita kif suppost lill-Istat l-ieħor, kif ikun adatt.

PRINĊIPJU FUNDAMENTALI Ċ: *Qafas Legali u Regolatorju*

L-Istat għandu jkun responsabbli li jistabbilixxi u jżomm fis-seħħ qafas legali u regolatorju li jiggverna l-protezzjoni fiżika. Dan il-qafas għandu jipprovdi għall-istabbiliment ta' rekwiżiti ta' protezzjoni fiżika li għandhom jkunu japplikaw u li għandhom jinkludu sistemi ta' evalwazzjoni u liċenzjar jew proċeduri oħra sabiex tingħata awtorizzazzjoni. Dan il-qafas għandu jinkludi sistema ta' spezzjonar ta' faċilitajiet nukleari u trasport sabiex tkun verifikata l-konformità mar-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet li għandhom ikunu japplikaw tal-liċenza jew ta' xi dokument ieħor ta' awtorizzazzjoni, u li jkun jistabbilixxi metodi ta' infurzar tar-rekwiżiti u kundizzjonijiet li għandhom japplikaw, inklużi sanzjonijiet effettivi.

PRINĊIPJU FUNDAMENTALI D: *Awtorità Kompetenti*

L-Istat għandu jistabbilixxi jew jindika awtorità kompetenti li għandha tkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-qafas legali u regolatorju, u li tkun

provduta bl-awtorità, kompetenza, u riżorsi finanzjarji u umani adegwati sabiex tkun tista' taqdi d-dmirijiet assenjati. L-Istat għandu jieħu l-passi sabiex jiżgura li jkun hemm indipendenza bejn il-funzjonijiet tal-awtorità kompetenti tal-Istat u kull korp ieħor li jmexxi il-promozzjoni jew l-użu tal-enerġija nukleari.

PRINĊIPJU FUNDAMENTALI E: *Responsabbilità ta' kull min ikollu liċenza*

Ir-responsabbiltajiet għall-implimentazzjoni tal-elementi varji tal-protezzjoni fiżika fi Stat għandhom ikunu identifikati b'mod ċar. L-Istat għandu jiżgura li r-responsabbiltà primarja għall-implimentazzjoni tal-protezzjoni fiżika ta' materjal nukleari jew ta' faċilitajiet nukleari tkun ta' dawk li għandhom liċenza jew xi dokument ieħor li jawtorizzahom (eżempju, operaturi jew burdnara).

PRINĊIPJU FUNDAMENTALI F: *Kultura ta' Sigurtà*

Kull organizzazzjoni involuta fl-implimentazzjoni tal-protezzjoni fiżika għanda tagħti l-prijorità dovuta għal kultura ta' sigurtà, għall-iżvilupp u żamma meħtieġa sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni effettiva fl-organizzazzjoni sħiħa.

PRINĊIPJU FUNDAMENTALI G: *Theddida*

Il-protezzjoni fiżika tal-Istat għandha tkun ibbażata fuq l-evalwazzjoni ta' kuljum fir-rigward tat-theddida.

PRINĊIPJU FUNDAMENTALI H: *Trattament Klassifikat*

Ir-rekwiżiti tal-protezzjoni fiżika għandhom ikunu bbażati fuq trattament klassifikat, fejn tittieħed konsiderazzjoni ta' evalwazzjoni ta' kuljum fir-rigward tat-theddida, l-attrazzjoni relattiva, ix-xorta tal-konsegwenzi materjali u dawk potenzjali assoċjati mat-tneħħija mhux awtorizzata ta' materjal nukleari u mas-sabutaġġ kontra materjal nukleari u faċilitajiet nukleari.

PRINĊIPJU FUNDAMENTALI I: *Difiża fil-fond*

Ir-rekwiżiti tal-protezzjoni fiżika tal-istat għandhom jirriflettu kunċett ta' saffi u metodi diversi ta' protezzjoni (strutturali jew oħrajn tekniċi, ta' persunal u organizzattivi), sabiex ikunu megħluba jew evitati minn xi avversarju li jkun irid jilħaq l-għanijiet tiegħu.

PRINĊIPJU FUNDAMENTALI J: *Assikurazzjoni tal-Kwalità*

Il-politika tal-assikurazzjoni tal-kwalità u l-programmi ta' l-assikurazzjoni tal-kwalità għandhom ikunu stabbiliti u implimentati bil-għan li jkunu jipprovdu l-kunfidenzjalità li ir-rekwiżiti speċifiċi tal-attivitajiet kollha tal-protezzjoni fiżika jkunu ġew sodisfatti.

PRINĊIPJU FUNDAMENTALI K: *Pjanijiet ta' Kontinġenza*

Pjanijiet ta' kontinġenza (emerġenza) li jirrispondu għat-teħid mhux awtorizzat ta' materjal nukleari jew ta' sabutaġġ ta' faċilitajiet nukleari jew ta' materjal nukleari, jew attentati bħal dawn, għandhom ikunu preparati u eżerċitati kif adatt minn kull min ikollu liċenza u mill-awtoritajiet konċernati.

PRINĊIPJU FUNDAMENTALI L: *Kunfidenzjalità*

L-Istat għandu jistabbilixxi r-rekwiżiti sabiex tkun protetta l-kunfidenzjalità ta' informazzjoni, li, jekk tinkixef b'mod mhux awtorizzat, tista' tikkompromett l-protezzjoni fiżika ta' materjal nukleari u ta' faċilitajiet nukleari.

4. (a) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma japplikawx għal kull materjal nukleari li l-Istat Kontraenti ikun raġonevolment iddeċieda li ma jkunx meħtieġ li jkun soġġett għar-reġim ta' protezzjoni fiżika skont il-paragrafu 1, billi jieħu konjizzjoni tax-xorta tal-materjal, tal-kwantità u tal-attrazzjoni relattiva u tal-potenzjal radjoloġiku u konsegwenzi oħrajn assoċjati ma' kull att mhux awtorizzat li jkun dirett lejn il-materjal u l-evalwazzjoni ta' dak iż-żmien fir-rigward tat-theddida.

(b) Materjal nukleari li ma jkunx soġġett għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu skont is-subparagrafu (a) għandu jkun protett konformement ma' prattiċi maniġerjali prudenti.".

7. L-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Kontraenti għandhom jidentifikaw u jinfurmaw lil xulxin direttament jew permezz tal-Aġenzija għall-Ener[ija Atomika Internazzjonali, lill-punt ta' kuntatt għall-materji relatati fl-iskop ta' din il-Konvenzjoni.

2. F'każ ta' serq jew teħid illegali ieħor ta' materjal nukleari jew ta' theddida kredibbli dwar dan, l-Istati Kontraenti

għandhom, skont il-liġi nazzjonali tagħhom, jipprovdu kemm jistgħu koperazzjoni u assistenza fl-irkupru u l-protezzjoni ta' dan il-materjal lil kull Stat li jitlob dan. B'mod partikolari,

(a) Stat Kontraenti għandu jieħu l-passi xierqa sabiex jinforma lil Stati oħra kemm jista' jkun malajr, li jidhru li jkunu konċernati, b'xi serq jew teħid illegali ieħor ta' materjal nukleari jew b'theddida kredibbli dwar dan u li jinfurmaw, fejn xieraq, lill-Aġenzija għall-Enerġija Atomika Internazzjonali u lil organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti oħrajn;

(b) filwaqt li jkunu qegħdin jagħmlu dan u kif adatt, l-Istati Kontraenti konċernati għandhom jiskambjaw informazzjoni ma' xulxin, mal-Aġenzija għall-Enerġija Atomika Internazzjonali u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti oħrajn, bl-iskop li jipproteġu materjal nukleari li jkun mhedded, jivverifikaw l-integrità tal-kontenitur tal-imbarkazzjoni, jew jirkupraw materjal nukleari meħud illegalment u għandhom

(i) jikkordinaw l-isforzi tagħhom permezz ta' kanali diplomatiċi u oħrajn li jkunu miftiehma,

(ii) jagħtu kull għajnuna, jekk din tkun mitluba,

(iii) jiżguraw li materjal nukleari misruq jew nieqes li jinstab jiġi ritornat wara li jkunu ġraw l-avvenimenti msemmija hawn qabel.

Il-mezzi ta' implimentazzjoni ta' din il-koperazzjoni għandhom ikunu determinati mill-Istati Kontraenti konċernati.

3. F'każ ta' theddida kredibbli ta' sabutaġġ ta' materjal nukleari jew ta' faċilita' nukleari, jew fil-każ ta' xi sabutaġġ bħal dak, Stati Kontraenti għandhom, għal massimu possibbli li jistgħu, konsistenti mal-liġi nazzjonali u konsistenti ma' obbligazzjonijiet rilevanti taħt il-liġi internazzjonali, jikkoperaw kif ġej:

(a) jekk Stat Kontraenti ikun jaf b'theddida ta' sabutaġġ ta' materjal nukleari jew faċilità nukleari fi Stat ieħor, l-Istat Kontraenti għandu jiddeċiedi fuq il-passi xierqa li għandhom jittieħdu sabiex jinforma lil dak l-Istat

mill-aktar fis possibbli u, fejn xieraq lill-Aġenzija għall-Enerġija Atomika Internazzjonali u lill-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti b'dik it-theddida, bl-iskop li ma jsirx dak is-sabutaġġ;

(b) f'każ ta' sabutaġġ ta' materjal nukleari jew faċilità nukleari fi Stat Kontraenti, jekk l-istat jidhirlu li Stati oħrajn jistgħu jkunu affetwati b'mod radjoloġiku, l-Istat, mingħajr preġudizzju għal obbligazzjonijiet ohrajn li jaqgħu taħt il-liġi internazzjonali, għandu jieħu dawk il-passi sabiex jinforma lil dak l-istat jew Stati li jistgħu jkunu affetwati b'mod radjoloġiku u sabiex jinforma, kif adatt, lill-Aġenzija għall-Ener[ija Atomika Internazzjonali u lill-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, bl-iskop li jitnaqqsu jew jitwaqqfu l-konsegwenzi ta' dan';

(ċ) jkk fil-kuntest tas-subparagrafi (a) u (b), Stat Kontraenti għandu jitlob l-għajnuna, dawk l-Istati Kontraenti li tkun saritilhom it-talba għall-assistenza għandhom minnufih jiddeċiedu u jinnotifikaw direttament jew permezz tal-Aġenzija għall-Enerġija Atomika Internazzjonali, lill-istat li jkun għamel it-talba, jekk huwiex f'pożizzjoni li jagħti l-assistenza rikjesta u l-iskop u x-xorta ta' assistenza li tkun tista' tingħata;

(d) kull kordinazzjoni u kooperazzjoni taħt is-subparargrafi (a) sa (ċ) għandha tkun b'mezzi diplomatiċi jew b'mezzi oħra miftiehma. Dan ifisser li l-implimentazzjoni ta' din il-kooperazzjoni għandha tkun determinata bejn iż-żewġ Stati Kontraenti jew aktar.

4. Stati Kontraenti għandhom jikkoperaw u jikkonsultaw, kif adatt, b'mod dirett ma' xulxin jew permezz tal-Aġenzija għall-Enerġija Atomika Internazzjonali u organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, bl-iskop li jiksbu gwida dwar id-disinn, manutenzjoni u titjib ta' sistemi ta' protezzjoni fiżika ta' materjal nukleari fit-trasport internazzjonali.

5. Stat Kontraenti jista' jikkonsulta u jikkopera, kif adatt, ma' Stati Kontraenti oħra b'mod dirett jew permezz tal-Aġenzija għall-Enerġija Atomika Internazzjonali u organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, bl-iskop li tinkiseb gwida dwar id-disinn, manutenzjoni u titjib tas-sistema nazzjonali ta' protezzjoni fiżika ta' materjal nukleari fl-użu, ħżin u trasport domestiku u tal-faċilitajiet nukleari.".

8. L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Kontraenti għandhom jieħdu miżuri adatti konsistenti mal-liġi nazzjonali tagħhom sabiex jipproteġu l-kunfidenzjalità ta' kull informazzjoni li jirċievu kunfidenzjalment bis-saħħa tad-disposizzjoniijiet ta' din il-Konvenzjoni mingħand Stat Kontraenti ieħor jew permezz ta' parteċipazzjoni f'attività mwettqa għall-implimentazzjoni ta' din il-Konvenzjoni. Jekk l-Istati Kontraenti jipprovdu l-informazzjoni kunfidenzjalment lil organizzazzjonijiet internazzjonali jew lil Stati li ma jkunux jagħmlu parti minn din il-Konvenzjoni, għandhom jittieħdu passi sabiex jiġi żgurat li l-kunfidenzjalità ta' dik l-informazzjoni tkun protetta. Dak l-Istat Kontraenti li jkun irċieva informazzjoni kunfidenzjalment mingħand Stat Kontraenti ieħor, jista' jipprovdi dik l-informazzjoni lill-partijiet terzi bil-kunsens ta' dak l-Istat Kontraenti biss.

2. L-Istati Kontraenti m'għandhomx ikunu meħtieġa skont din il-Konvenzjoni jipprovdu informazzjoni li huma ma jkunux jistgħu jikkomunikaw skont il-liġi nazzjonali jew li tkun tipperikola s-sigurtà tal-Istat konċernat jew il-protezzjoni fiżika ta' materjal nukleari jew ta' faċilitajiet nukleari.".

9. Il-paragrafu 1 tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-aġir b'mod intenzjonat ta':

(a) att mingħajr awtorità skont il-liġi li jikkostitwixxi d-dħul, il-pussess, l-użu, it-trasferiment, il-bidla, ir-rimi jew it-telf ta' materjal nukleari u li jkkawża jew li probabbilment jkkawża mewt jew korriment serju lil xi persuna jew dannu sostanzjali lill-proprjetà jew lill-ambjent;

(b) serq ta' materjal nukleari;

(ċ) serq jew ksib b'mod frawdolenti ta' materjal nukleari;

(d) att li jikkostitwixxi l-ġarr, li tibgħat jew tmexxi materjal nukleari ġewwa jew minn xi Stat, mingħajr awtorità legali;

(e) att dirett kontra faċilità nukleari, jew att li

jinterferixxi mal-operat ta' faċilità nukleari, meta min iwettaq ir-reat jikkaġuna bil-ħsieb, jew meta jkun jaf li l-att jista' jikkaġuna l-mewt jew feriment gravi jew ħsara sostanzjali lill-proprjetà jew lill-ambjent, kemm-il darba l-att ma jkunx sar f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istat Kontraenti fit-territorju fejn tkun tinsab il-faċilità nukleari;

(f) att li jikkostitwixxi talba għal materjal nukleari b'theddid jew bl-użu tal-forza jew b'kull forma oħra ta' intimidazzjoni;

(g) theddida:

(i) li jintuża materjal nukleari sabiex jikkaġuna l-mewt jew feriment gravi jew ħsara sostanzjali lill-proprjetà jew lill-ambjent jew li jsir ir-reat imsemmi fis-subparagrafu (e), jew

(ii) li jsir ir-reat imsemmi fis-subparagrafi (b) u (e) sabiex persuna naturali jew legali, organizzazzjoni internazzjonali jew Stat jinġiegħlu jagħmlu jew ma jagħmlux xi att;

(h) attentat li jsir xi reat imsemmi fis-subparagrafi (a) sa (e);

(i) att li jikkostitwixxi l-parteċipazzjoni f'xi reat imsemmi fis-subparagrafi (a) sa (h);

(j) att minn xi persuna li torganizza jew tidderieġi oħrajn jagħmlu reat skond is-subparagrafi (a) sa (h); u

(k) att li jikkontribwixxi għat-twettiq ta' xi reat imsemmi fis-subparagrafi (a) sa (h) minn grupp ta' persuni li jkunu qegħdin jaġixxu b'għan komuni; dan l-att għandu jkun wieħed li jsir bil-ħsieb u għandu jew:

(i) isir fil-kuntest tal-għan li jżid l-attività kriminali jew l-iskop kriminali tal-attività tal-grupp, meta attività bħal dik jew għan bħal dak ikunu jinvolvu l-għemil ta' reat imsemmi fis-subparagrafi (a) sa (g), jew

(ii) isir bl-intenzjoni magħrufa tal-grupp li jagħmel reat imsemmi fis-subparagrafi (a) sa (g) u dan ikun reat punibbli minn kull Stat Kontraenti taħt il-liġi nazzjonali tiegħu.".

10. Wara l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni, għandhom jiżdiedu żewġ artikoli ġodda, l-Artikolu 11 A u l-Artikolu 11B, kif ġej:

"Artikolu 11A

Ebda reat imsemmi fl-Artikolu 7 ma jista' jkun meqjus għal finijiet ta' estradizzjoni jew ta' għajnuna legali reċiproka, bħala reat politiku jew bħala reat konness ma' reat politiku jew bħala reat imnebbaħ minn mottivi politiċi. Għaldaqstant, talba għal estradizzjoni jew għal għajnuna legali reċiproka bbażati fuq reat bħal dan, m'għandhiex tkun rifjutata fuq bażi biss li din tkun tikkonċerna reat politiku jew reat konness ma' reat politiku jew ma' reat imnebbaħ minn mottivi politiċi.

Artikolu 11B

Ebda ħaġa f'din il-Konvenzjoni m'għandha tkun interpretata bħala li timponi xi obbligazzjoni ta' estradizzjoni jew ta' għajnuna legali reċiproka, jekk l-Istat Kontraenti li jkun qiegħed jintalab ikollu bażi soda biex jemmen li r-rikjesta għal estradizzjoni għal reati msemmija fl-Artikolu 7 jew għal għajnuna legali reċiproka dwar dawn ir-reati, tkun saret għal skop ta' prosekuzzjoni jew ta' kastig abbażi ta' razza, reliġjon, nazzjonalità, oriġini etnika jew politika ta' dik il-persuna jew li kieku kellu jilqa' dik ir-rikjesta dan jista' joħloq preġudizzju għall-pożizzjoni ta' dik il-persuna minħabba f'xi waħda minn dawn ir-raġunijiet.".

11. Wara l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni, għandu jiżdied dan l-Artikolu 13A ġdid li ġej:

"Artikolu 13A

Ebda ħaġa f'din il-Konvenzjoni m'għandha taffettwa t-trasferiment ta' teknoloġija nukleari għal skopijiet paċifiċi jekk dan isir biex tissaħħaħ il-protezzjoni fiżika tal-materjal nukleari u tal-istallazzjonijiet nukleari.".

12. Il-paragrafu 3 tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. Meta jsir reat li jkun jinvolvi materjal nukleari fl-użu domestiku, ħażna jew trasport, sakemm il-persuna li allegatament tkun wettqet ir-reat kif ukoll il-materjal nukleari jibqgħu fit-territorju ta' dak l-Istat Kontraenti li fih ikun twettaq ir-reat, jew meta r-reat ikun jikkonċerna faċilità nukleari u l-persuna li allegatament tkun wettqet ir-reat tibqa' fit-territorju

ta' dak l-Istat Kontraenti li fih ikun twettaq ir-reat, ebda ħaġa minn din il-Konvenzjoni m'għandha tkun interpretata bħala li tirrikjedi li dak l-Istat Kontraenti jkun qiegħed jgħaddi informazzjoni dwar proċeduri kriminali li jkunu saru in vista ta' dak ir-reat.".

13. L-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għandha titlaqqa' konferenza tal-Istati Kontraenti mid-depożitarju, ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din l-Emenda adottata fit-8 ta' Lulju 2005, sabiex tirrevedi l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni u l-adegwatezza tagħha fejn jidħol il-preambolu, il-parti operattiva kollha u l-annessi fid-dawl tas-sitwazzjoni prevalenti ta' dak iż-żmien.

2. Mhux inqas minn kull ħames snin wara dan, il-maġġoranza tal-Istati Kontraenti jistgħu jiksbu, wara li jippreżentaw proposta għaldaqstant lid-depożitarju, it-tlaqqiegħ ta' iktar konferenzi bl-istess għan.".

14. In-Nota [b/] fl-Anness II li jinsab mal-Konvenzjoni għandha tiġi sostitwita kif ġej:

"b/ Materjal mhux irradjat f'reattur jew materjal irradjat f'reattur iżda b'livell ta' radjazzjoni ugwali jew inqas minn 1 gray/siegħa (100 rad/siegħa) għal kull metru mhux kopert.".

15. In-Nota [e/] fl-Anness II li jinsab mal-Konvenzjoni għandha tiġi sostitwita kif ġej:

"e/ Karburanti ieħor li bis-saħħa tal-kontenut tal-materjal fissili oriġinali tiegħu jkun klassifikat fil-Kategorija I u II qabel l-irradjazzjoni jkun jista' jitnaqqas b'livell ta' kategorija wieħed filwaqt li l-livell ta' radjazzjoni mill-karburant ikun jaqbeż 1 gray/siegħa (100 rad/siegħa) għal kull metru mhux kopert.".